# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-4 ta´ Diċembru 2023**

**Talba nru. 68/2021**

**MALCOLM AQUILINA (I.D. 371575 (M))**

***VERSUS***

**CARMEN PACE (I.D. 307645 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-tlieta u għoxrin (23) ta´ Frar elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (a fol. 2 et seq) l-attur talab l-ammont ta´ tlett elef u tlett mija u tnejn u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 3327.60) in kwantu jidher illi l-attur u l-konvenuta daħlu fi ftehim għar-rigward ta´ servizzi illi kienu jikkonsistu fl-organizzazzjoni tal-funeral ta´ Katarina Gruppetta li mietet nhar is-sittax (16) ta´ Novembru elfejn u ħmistax (2015).

Ra illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata fid-disgħa (9) ta´ Marzu elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (a fol. 6).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fl-għoxrin (20) ta´ Marzu elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (a fol. 9).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni b´dan illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi għandha l-ewwelnett tkun deċiża l-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

Ra illi kien hemm inverżjoni tal-provi (a fol. 13).

Ra illi l-konvenuta irtirat l-ewwel eċċezzjoni fis-27 ta´ Settembru 2021 (a fol. 15).

Ra illi fis-27 ta´ Settembru 2021, il-konvenuta għalqet il-provi (a fol. 15).

Ra illi fl-4 t´Ottubru 2022, l-attur għalaq il-provi (a fol. 46).

Ra illi fil-15 ta´ Ġunju 2022, l-attur

Ra illi fis-7 ta´ Lulju 2022, is-soċjeta´ konvenuta għalqet il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għal sentenza parzjali fir-rigward tal-preskrizzjoni biss f´dan l-istadju.

Ikkunsidra

Il-konvenuta fir-rispota tagħha u anke tul il-proċeduri eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2149 (c) u li ma jgħoddx artikolu 2151 (2) *stante* li tali servizz mill-attur sar darba waħda biss.

Mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal, ma hux kontestat illi l-attur kien avviċinat mill-konvenuta (għalkemm tul il-proċeduri deher illi l-werrieta tal-mejta kienu differenti u mhux il-konvenuta) sabiex jagħti s-servizzi tiegħu fir-rigward tal-funeral ta´ Katarina Gruppetta nhar is-sittax (16) ta´ Novembru elfejn u ħmistax (2015). Fil-fatt ma hux anqas kontestat illi l-attur ta s-servizzi tiegħu fir-rigward tal-funeral ta´ Katarina Gruppetta nhar is-sittax (16) ta´ Novembru elfejn u ħmistax (2015) u b´dan tul ix-xhieda fosthom tal-attur (a fol. 16) u wkoll l-ittra legali illi l-attur kien bagħat lill-konvenuta datata 13 ta´ Mejju 2016 ppreżentata mill-konvenuta tul il-proċeduri (a fol. 19). Deher ukoll illi l-attur bagħat ittra ġudizzjarja lill-konvenuta fit-12 ta´ Novembru 2020 u b´dan illi l-konvenuta kienet innotifikata fit-18 ta´ Novembru 2020 (a fol. 20). Ukoll, l-attur xehed illi bejn l-ittra legali datata 13 ta´ Mejju 2016 u l-ittra ġudizzjarja datata 12 ta´ Novembru 2020, l-attur ma kienx bagħat iktar korrispondenzi f´ebda forma lill-konvenuta (a fol. 18). B´dan illi pero´ l-attur ma jaqbilx illi talli azzjoni hi preskritta. Fis-sentenza ***Andrew Vassallo General Trading Limited (C 45790) ('l-appellata') vs. Christopher Mifsud (K.I. nru. 278082(M)) ('l-appellat')***,[1] ġie ritenut illi:

> "Jinsab paċifikament ritenut (fn. 2 Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża 13 ta' Marzu 2009.) illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'każ affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiża ai termini tal-artikoli 2123 et seq. tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, ġiex interrott għal motiv dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni."

F´dan il-każ, dan it-Tribunal jirreferi għall-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jipprovdi illi l-preskrizzjoni tinkiser b´att ġudizzjarju. Il-liġi sussidjarja 12.12 tipprovdi definizzjoni dettaljata ta´

[1] 15 ta´ Settembru 2023 (Qorti tal-Appell) (Ref.: 81/2019/1)

att ġudizzjarju b'dan illi tipprovdi illi "*att ġudizzjarju tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti,Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, ida ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb u fit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi."* Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlini illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw ic-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b'dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; il-preskrizzjoni b'dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista' tkun applikata f'termini ta' definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jinnota illi l-preskrizzjoni setgħet tiġi interrotta biss mid-data meta l-konvenuta kienet innotifikata bl-ittra ġudizzjarja datata 12 ta' Novembru 2020. Dan it-Tribunal jinnota illi sfortunatament għaddew is-snin mid-data illi l-attur ta s-servizzi tiegħu għal meta bagħat l-ittra ġudizzjarja. Dan it-Tribunal jinnota illi kwalunkwe artikolu tal-Kap. 16 illi jista' b'xi mod jintuża bħala referenza fiż-żmien li għandha tkun ippreżentata kawża jew att ġudizzjarju hu ta' massimu ta' sentejn b'dan illi f'kull każ, allura, din l-azzjoni tal-attur hi preskritta.

Dan it-Tribunal jaqbel ukoll mat-teżi tal-konvenuta illi artikolu 2151 tal-Kap. 16 ma jgħoddx f'dan il-każ *stante* illi l-attur ipprovda s-servizzi tiegħu darba biss u ma kien hemm ebda kontinwazzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur u jilqa' t-talba tal-konvenuta illi tali azzjoni hi preskritta b'dan illi dan it-Tribunal hu tal-fehma illi ma jkunx ekwu jekk il-kawża tkompli *stante* illi kull talba tal-attur trid tkun miċħuda b'dan illi l-azzjoni hi preskritta. L-ispejjeż tal-proċeduri għandhom jitħallsu mill-attur.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur